MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 548/2003

**John Sant**

**vs**

**Philip Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jgi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm351.90) rapprezentanti danni kawzati fil-vettura propjeta' tal-atur meta fit-3 ta' Awissu 2002, fit-Telgha ta' San Martin, San Pawl il-Bahar il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAF 432 tal-marka Toyota, habat fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAu 226 tal-marka Ford propjeta' tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, mperizja u

nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghaliex ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-attur.
B’riserva tar-risarciment tad-danni mgarrba mill-eccipjenti.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1096 Edmond Cuschieri, tal-attur John Sant u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Awissu 2002, fit-Telgha ta’ San Martin, San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAU 226 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAF 432 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAU 226, tiela’ t-telgha ta’ San Martin u sejjer fid-direzzjoni tal-Mgarr. Malli wasal mal-liwja, ra l-vettura tal-konvenut niezla, liema vettura kienet madwar mitejn metru l-boghod minnu meta raha l-ewwel darba. Huwa ghalhekk waqaf mal-genb sabiex ihalli din il-vettura tghaddi izda l-konvewnut ma naqqasx il-velocita’ u sehh l-impatt bejn il-kantuniera tal-lemin tal-vettura tal-attur u l-kantuniera tal-lemin tal-vettura tal-konvenut.  L-attur jghid ukoll li huwa ra lill-konvenut idawwar wiccu ezatt qabel l-impatt u jghid ukoll li minn fejn kien gej il-konvenut it-triq hija ghad-dritt u ghalhekk dan seta’ facilment jara l-vettura tal-attur.

Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien niezel in-nizla ta’ San Martin, sejjer fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar u niezel bil-mod.  Malli qabez il-kantuniera

fejn hemm l-Ghar ta’ San Martin, ra l-vettura tal-attur gejja mid-direzzjoni opposta u madwar tul ta’ tlett vetturi l-bpghod minnu. Huwa jsostni li din il-vettura kienet qed tavvanza b’certu velocita’, huwa ghalhekk ghafas il-brejk izda inutilment ghaliex sehh l-impatt. Dejjem skond il-konvenut l-impatt sehh bejn ir-rota tal-lemin tal-vettura tieghu u r-rota tal-lemin tal-attur. Il-konvenut spjega wkoll li t-triq fejn sehh l-incident hija triq tal-kampanja, pjuttost dejqa u li bejn il-vettura tieghu u l-hajt man-naha tax-xellug tieghu kien hemm distanza ta’ madwar metru. In kontro-ezami l-konvenut cahad li kien hemm vettura quddiemu qabel l-impatt stante li jirritjeni li din il-vettura kienet lahqet ghaddiet. Huwa cahad ukoll li kien aljenat peress li kien qed ikellem lil martu immedjatament qabel l-impatt.

Illi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident mertu tal-kawza huma t-tnejn responsabbli ghall-incident f’porzjonijiet ugwali. Din hjia kollizjoni li sehhet fi triq tal-kampanja li mix-xhieda tas-surgent li nvestga l-kaz jirrizulta li hija triq imserrpa u b’hitan tas-sejjiieh fuq iz-zewg nahat tat-triq. Mill-provi rrizulta li z-zewg sewwieqa involuti f’dan l-incident  ma ezercitawx il-kawtela rikjesta minn sewwieq li qed jiprocedi fi triq dejqa fil-kampanja u ghalhekk ma lahqux waqfu fil-hin meta raw il-vettura l-ohra tavvcina. Ma jidhirx li xi wiehed mis-sewwieqa kien qed isuq b’velocita’ eccessiva stante li fl-iskizz ma nsibux riportati ‘brake marks’ u inoltre l-entita’ tal-hsara fiz-zewg vetturi hija zghira. In vista ta’ dan kollu t-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-principju generalment adottat f’kazijiet ta’ kollizjonijiet frontali fejn ir-responsabilita’ tigi apporzjonata fi kwoti ndaqs bejn iz-zewg sewwieqa.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur bl-ebda mod ma gew kontestati mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attur esebixxa l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-partijiet ugwalment responsabbli ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza, jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ mija u hamsa u sebghin lira

Maltin u hamsa u disghin centezm (Lm175.95), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom ukoll jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------